MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 162/2021 LM

**Owen Catania (K.I. 96899M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Fiona Farrugia**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Owen Catania (K.I. 96899M),** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-6 ta' Diċembru, 2021, fejn ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet ta l-intimata **Fiona Farrugia** [hawnhekk 'l-appellata'], u għalhekk iddeċieda li r-raġuni għat-tkeċċija

tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda ġusta għaliex huwa kien diġà ngħata numru ta' twissijiet fuq diversi materji, u finalment tkeċċa mill-impjieg minħabba l-aġir aggressiv tiegħu fil-konfront ta' impjegati li kien hemm f'ħanut tal-intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjega li huwa kien impjegat mal-intimata Fiona Farrugia bħala *salesperson* b'kuntratt indefinit. Qal li huwa qatt ma kellu problemi mal-imgħallem tiegħu. Qal li huwa kien ġie infurmat bit-tkeċċija tiegħu mill-impjieg permezz ta' messaġġ fuq il-*Facebook,* u kien sorpriż b'dan għaliex qatt ma kien ġie avviċinat mill-imgħallem b'xi ilment qabel tkeċċa. Ir-rikorrent qal li huwa baqa' ma tħallasx l-ammonti dovuti lilu, u lanqas tħallas tal-*vacation leave* li kien akkumula, u tan-*notice period.* Ir-rikorrent qal li l-fatt li huwa tkeċċa mill-impjieg għal raġunijiet dixxiplinarji qiegħed jagħmilha diffiċli għalih biex isib xogħol. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu minħabba allegata tkeċċija inġusta.

**<u>Mertu</u>**

3. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti ppreżentata minnu, ir-rikorrent spjega li f'Novembru tal-2017, huwa kien ġie mpjegat bħala *salesperson* f'ħanut partikolari, meta kienu avviċinawh Fiona u Silvio Farrugia u ħajruh itemm l-

impjieg li kellu, u jmur jaħdem f'wieħed mill-ħwienet tagħhom bħala *salesperson.* Spjega li mill-ħwienet tal-intimata jinbiegħu affarijiet relatati mas-sajd. Qal li hu kien jaf lill-koppja Farrugia għaliex huwa dilettant tas-sajd, u kien imur jixtri affarijiet relatati mas-sajd mill-ħwienet tagħhom. Qal li l-koppja Farrugia insistew li huwa jmur jaħdem magħhom, u sabiex iħajruh aktar jagħmel dan il-pass, offrewlu paga aħjar minn li kellu qabel. Qal li huwa beda jaħdem mal-koppja Farrugia fuq bażi *full-time* mit-Tnejn sal-Ġimgħa permezz ta' kuntratt indefinit bħala *salesperson.* Ir-rikorrent qal li l-ftehim kien li sakemm huwa kien għadu qiegħed jirċievi t-taħriġ, is-salarju tiegħu kellu jkun ta' €800 gross, filwaqt li sussegwentement kellu jiżdied fil-paga. Qal ukoll li minkejja li huwa dam sena fl-impjieg mal-koppja Farrugia, huwa tħallas biss għal ħdax-il xahar. Ir-rikorrent spjega li l-ħanut in kwistjoni kien jingħalaq bejn in-nofs siegħa u l-erbgħa ta' wara nofsinhar, iżda kien hemm drabi meta fil-ħin li l-ħanut ikun magħluq, huwa kien jintalab imur jaħdem f'maħżen li l-koppja Farrugia kellhom iż-Żurrieq. Qal li peress li huwa kien qiegħed jintalab jaħdem f'ħinijiet li l-ħanut ikun magħluq, kien qiegħed jaħdem ħafna sigħat żejda, u kellu dritt jitħallas għall-*overtime.* Ir-rikorrent qal li meta huwa avviċina lill-intimata dwar dan, din infurmatu li għas-sigħat żejda huwa kien ser jitħallas bi ġranet ta' *leave,* u żied jgħid li huwa ma kienx ġie infurmat b'dan l-arranġament qabel beda l-impjieg ma' Farrugia. Ir-rikorrent qal ukoll li minkejja li huwa akkumula diversi sigħat ta' *leave,* kien hemm drabi meta l-intimata qaltlu li ma setax jieħu *leave* meta xtaq. Qal ukoll li minkejja li l-ftehim oriġinali kien li huwa kellu jaħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa, xi żmien wara huwa ntalab jibda jaħdem ukoll nhar ta' Sibt, l-ewwel bejn id-disgħa ta' filgħodu u s-siegħa ta' wara nofsinhar, u aktar tard intalab

jibqa' l-ħanut sal-ħamsa ta' filgħaxija. Qal li minkejja dan huwa kien kuntent fuq il-post tax-xogħol u kien jaħdem bil-galbu, u qatt ma kellu problemi la mal-kollegi u lanqas ma' min kien iħaddmu. Qal li huwa kien inkarigat ukoll biex jiftaħ u jagħlaq il-ħanut, kif ukoll biex jagħlaq il-*cash register.* Ir-rikorrent qal li madwar ħmistax qabel ma tkeċċa mill-impjieg, missieru kien informa lill-intimata li r-rikorrent ma setax jattendi għax-xift ta' wara nofsinhar, u l-intimata kienet fehmet li huwa ma setax jirritorna l-ħanut għat-tieni nofs tal-ġurnata. Qal li l-għada l-intimata infurmatu li kienet tellgħet *post* fuq *Facebook* fejn qalet li għandha  bżonn aktar impjegati għall-ħanut, u lil missieru serħitlu moħħu li r-rikorrent ma kienx ser jiġi imkeċċi mill-impjieg. Ir-rikorrent qal ukoll li xi żmien qabel hu kien xtara qasba tas-sajd mill-ħanut tal-intimata bil-prezz ta' €300, li nkisret xi żmien wara. Qal li l-intimata qaltlu li ma kellhiex il disponibbli -*part* li nkisret, u jekk tordnahielu, din kienet ser iddum biex tasal. Qal li huwa tefa' l-qasba għall-bejgħ fuq il-mezzi soċjali, u meta Silvio Farrugia nduna b'dan, offra li jixtri l-qasba hu bil-prezz li kien qiegħed jitlob ir-rikorrent fuq *Facebook.* Ir-rikorrent qal li minħabba f'hekk huwa mar fil-ħanut tal-intimata ġewwa Guardamangia fil-ġurnata tal-*leave* tiegħu, u kien dakinhar li Silvio Farrugia infurmah li kien ser jagħtih in-*notice.* Qal li dak il-ħin huwa ħa xokk kbir għaliex ix-xogħol kien għal qalbu. Qal li meta staqsa lil Silvio Farrugia għal liema raġuni kien ser jitkeċċa mill-impjieg, dan beda jġib ħafna skużi, fosthom li minkejja li r-rikorrent kien jattendi l-laqgħat tax-xogħol, ma kienx isegwi dak li jkun qiegħed jingħad, li kien hemm drabi meta r-rikorrent mar xogħol mingħajr il-ġakketta tal-uniformi, kif ukoll meta iben Farrugia kien l-isptar, ir-rikorrent naqas li jmur jarah. Ir-rikorrent spjega li dakinhar huwa mar fil-ħanut ta' Farrugia biex jagħtih

il-qasba u Farrugia jagħtih *credit* tagħha, iżda Silvio Farrugia baqa' la tah flus u lanqas xi forma ta' *credit*, u huwa spiċċa ħalla l-qasba fil-ħanut mingħajr ebda kumpens. Ir-rikorrent qal li wara dan l-episodju huwa ma mar qatt lura x-xogħol, u minkejja li staqsa fuq liema bażi kien tkeċċa, huwa baqa' mingħajr risposta. Qal ukoll li huwa baqa' ma ngħatax l-aħħar paga minkejja li l-intimata kienet wegħditu li ser tħallsu billi tibgħatlu l-flus bil-posta. Ir-rikorrent qal li hu baqa' ma ħax ukoll il-flus tan-*notice period,* u lanqas ma tħallas tas-sigħat addizzjonali li ħadem, u li ġew ikkonvertiti *f'leave* li baqa' ma ħax. Żied jgħid li fuq il-formula tat-tkeċċija mill-impjieg li hu irċieva minn JobsPlus, hemm miktub li huwa tkeċċa għal raġunijiet dixxiplinarji, meta dan mhux il-każ, u qal li tul is-sena li ħadem ma' Farrugia, huwa qatt ma kellu ilmenti min-naħa tal-imgħallem tiegħu. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa kien kuntent fuq il-post tax-xogħol, kien hemm waqtiet meta kienet tinħoloq tensjoni, partikolarment meta kienu jidħlu ċerti klijenti u sid il-ħanut kienet tgħidlu biex joqgħod attent għalihom għaliex kienet issegwi dak li jkun għaddej fil-ħanut permezz tal-*cameras* tas-sigurtà.

4. Fir-risposta tagħha l-intimata qalet li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat għal raġunijiet ġusti u suffiċjenti skont il-liġi, u mhux minnu li hija qatt ma kienet ilmentat dwar l-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qalet li fil-fatt ir-rikorrent ingħata diversi twissijiet minħabba nuqqasijiet tiegħu. L-intimata qalet ukoll li mhux minnu li r-rikorrent ma jistax isib impjieg ieħor, u staqsiet x'tentattivi għamel ir-rikorrent sabiex isib impjieg alternattiv.

5. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti ppreżentata minnha, l-intimata **Fiona Farrugia** qalet li hija għandha negozju tal-bejgħ ta' affarijiet tas-sajd, u l-ħwienet tagħha

jinsabu Guardamangia u Ħaż-Żebbuġ. Qalet li r-rikorrent kien klijent tagħhom għaliex huwa dilettant tas-sajd, u darba minnhom kien beda jitkellem mar-raġel tagħha, u qallu li kien imdejjaq fl-impjieg li kellu. Qalet li din kienet ir-raġuni għalfejn ir-rikorrent spiċċa jaħdem magħhom. L-intimata qalet li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-paga tar-rikorrent kellha togħla ladarba huwa juri li kien impjegat tajjeb, u fi Frar 2018 il-paga tiegħu kienet żdiedet, iżda kienu żdiedu wkoll ir-responsabbiltajiet li huwa kellu, fosthom li jiftaħ u jagħlaq il-ħanut waħdu. L-intimata qalet li għall-bidu ma kien hemm l-ebda ilment dwar l-imġiba tar-rikorrent, iżda hekk kif beda għaddej iż-żmien, l-imġiba tiegħu bdiet tiddeterjora, billi fost l-oħrajn kien jonqos milli jilbes l-uniformi tax-xogħol, kien jilmenta mill-fatt li fuq il-post hemm sistema ta' *CCTV* u beda jgħid li kien skomdu jaħdem biha, kien juża kontinwament il-*mobile* u l-*Facebook* personali tiegħu waqt il-ħin tax-xogħol, kien jinsisti li jieħu l-*leave* waqt perijodi ta' *stop leave,* kien jonqos milli jattendi għax-xogħol mingħajr ebda spjegazzjoni, kien jgħid kontra s-sidien tal-ħanut ma' impjegat ieħor bil-ħsieb li jgerrxu mix-xogħol, għamel ħsara fuq proprjetà u prodotti tal-imgħallem tiegħu, naqas milli jaqdi lill-klijenti fil-ħin tal-ftuħ tal-ħanut għax kien diġà rrikonċilja l-*cash,* telaq mill-post tax-xogħol qabel il-ħin, u naqas ukoll milli juża l-*punch clock.* L-intimata qalet li hija jkollha laqgħat mal-ħaddiema perjodikament, u hija kienet widdbet lir-rikorrent diversi drabi li jekk ser jippersisti fl-imġiba tiegħu, l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat. Qalet ukoll li r-rikorrent hedded lilha u lil żewġha, u għalhekk ma kellhom l-ebda għażla għajr li jitterminawlu l-impjieg. L-intimata qalet li meta r-rikorrent mar jirritorna l-qasba fil-ħanut ta' Guardamangia, il-qasba tas-sajd in kwistjoni kienet għadha mhijiex imħallsa, u dakinhar ir-

rikorrent kien aggressiv fil-konfront tar-raġel tagħha. L-intimata qalet li kien ir-rikorrent stess li naqas milli jmur jiġbor il-paga tiegħu minkejja li hija kienet talbitu jmur il-ħanut biex tħallsu. Qalet li hija għaddiet l-aħħar ħlas dovut lir-rikorrent permezz tal-avukat tagħha, iżda r-rikorrent ma jridx jaċċetta dan il-ħlas għaliex ma kienx jaqbel mal-kalkoli tiegħu. L-intimata qalet li r-rikorrent allega diversi affarijiet li mhumiex minnhom, fosthom li ma kienx jitħalla jieħu *leave,* u qalet li dan kien iseħħ biss meta jkun hemm ħaddieħor li talab il-*leave* qablu. Qalet ukoll li r-rikorrent kien jippretendi li ma jaħdimx lejn tmiem il-ġimgħa, meta huma l-aktar li jkollhom xogħol. Qalet ukoll li mhux minnu li r-rikorrent intalab jibda jaħdem nhar ta' Sibt wara li huwa kien beda l-impjieg magħhom. L-intimata qalet ukoll li kien ir-rikorrent li talab it-*time in lieu* minflok ħlas għas-sahra, u dan għaliex il-*leave entitlement* normali ma kienx iservih.

6. Fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, l-intimata spjegat li waqt l-*interview* li sar mar-rikorrent, kien ġie spjegat lilu li huwa kien ser jaħdem bħala *salesperson,* u wara li ngħata t-taħriġ, il-ħanut tħalla prattikament f'idejh. L-intimata qalet li għall-bidu r-rikorrent kien sejjer tajjeb fix-xogħol, iżda hekk kif qorob is-sajf huwa beda jillaxka, u l-akbar problema li kellhom bih kienet li kien iqatta' ħafna ħin jilagħab bil-*mobile.* Qalet li kien hemm drabi li hija ġibditlu l-attenzjoni dwar dan, iżda li r-rikorrent baqa' għaddej b'din l-imġiba tiegħu. Qalet ukoll li kien hemm drabi meta r-rikorrent ma kienx juża l-*punch clock,* u d-drabi meta kien użah hija kienet tinduna li dan kien qiegħed jitlaq mill-ħanut qabel il-ħin. L-intimata qalet ukoll li minkejja li l-ħaddiema kienu jingħataw diversi uniformijiet sabiex ikunu jistgħu jbiddlu, ir-rikorrent kien jippreferi jmur ix-xogħol bil-ħwejjeġ tiegħu. Qalet ukoll li darba fost l-oħrajn hija ndunat li kien

mar klijent regolari fil-ħanut, u r-rikorrent irrifjuta li jaqdih għaliex kien diġà għalaq il-*cash register.* L-intimata qalet ukoll li ma jistax ikun li r-rikorrent ħadem sahra daqs kemm qiegħed jallega li ħadem, għaliex mir-*records* tal-*punch clock* lilha jirriżultalha li dan lanqas erbgħin siegħa fil-ġimgħa ma kien qiegħed jaħdem. L-intimata ppreżentat dokumenti sabiex turi kif jinħadem il-bilanċ tal-*leave* tal-impjegati, u qalet li meta ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, dan kien fadallu bilanċ ta' għoxrin siegħa *leave.* Ix-xhud ippreżentat ukoll dokumenti b'*records* tal-laqgħat li kienu jsiru mal-impjegati, u tad-drabi li nġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent dwar l-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

7. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, l-intimata kkonfermat li l-ħanut fejn kien impjegat ir-rikorrent kien jinfetaħ mit-Tnejn sas-Sibt, mid-disgħa san-nofs siegħa u mill-erbgħa sas-sebgħa ta' filgħaxija. Qalet li l-Ġimgħa u s-Sibt il-ħanut kien jinfetaħ mid-disgħa sas-sebgħa, iżda wara xi żmien nhar ta' Sibt il-ħanut beda jinfetaħ sal-ħamsa. L-intimata kkonfermat li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet verbali waqt il-laqgħat li kienu jsiru mal-impjegati. L-intimata qalet ukoll li mhux minnu li r-rikorrent kellu permess jikkomunika mal-klijenti fuq il-*Facebook page* tal-ħanut.

8. **Silvio Farrugia**, ir-raġel tal-intimata, spjega li huma għandhom żewġt iħwienet, wieħed Ħaż-Żebbuġ u l-ieħor Guardamangia, u li għandhom ukoll maħżen. Ix-xhud spjega li n-negozju tagħhom huwa wieħed staġonali, fejn fis-sajf ikun hemm aktar volum ta' bejgħ milli fix-xhur tax-xitwa. Qal ukoll li problema li kellu r-rikorrent kienet li dan ma kienx ikun irid jaħdem f'ċertu ħin, partikolarment nhar ta' Sibt, li hija l-aktar ġurnata impenjattiva għal negozju ta'

dan it-tip. Qal ukoll li minkejja li kemm hu kif ukoll il-mara tiegħu kienu jiġbdulu l-attenzjoni dwar diversi nuqqasijiet, ir-rikorrent kien baqa' jippersisti fl-imġieba tiegħu, partikolarment dwar l-użu tal-*mobile* waqt il-ħin tax-xogħol. B'riferiment għall-inċident li seħħ fil-ħanut ta' Guardamangia, meta r-rikorrent irritorna lura l-qasba li kien xtara, ix-xhud qal li l-ftehim li huwa kellu mar-rikorrent kien li dan kellu jieħu l-qasba fil-ħanut ta' Ħaż-Żebbuġ. Qal ukoll li r-rikorrent ippretenda li huwa jżarma qasba ġdida biex jagħtih *part* minnha, u meta nduna x'ried ir-rikorrent, huwa staqsieh għal liema raġuni kien qiegħed jagħmillu hekk, partikolarment meta l-qasba kienet għadha mhijiex imħallsa. Ix-xhud qal li hu u martu dejjem ippruvaw jikkuntentaw lir-rikorrent, u din kienet waħda mill-problemi. Ix-xhud qal li r-rikorrent beda jsir aggressiv u anki beda jgħid kontra l-intimata. Qal li huma jittrattaw lill-ħaddiema b'mod tajjeb, u meta ra lir-rikorrent iġib ruħhu b'dak il-mod, huwa kien infurmah li ma setax iżommu fl-impjieg. Ix-xhud qal ukoll li wara li r-rikorrent ipprova jħebb għalih, dan ipprova jħebb ukoll għal impjegat ieħor fl-istess ħanut, ċertu Nigel Bunce, u r-rikorrent beda jallega li kien wara li ġie impjegat Bunce, li bdew il-problemi fuq il-post tax-xogħol.

9. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, Silvio Farrugia qal li l-inċident fil-ħanut ta' Guardamangia dam b'kollox madwar erbgħin minuta, għaliex ir-rikorrent baqa' jinsisti miegħu biex hu jżarma qasba oħra biex jagħtih il-*part* li nkisritlu mill-qasba tiegħu. Qal ukoll li r-rikorrent kien aġitat, u li kellu jinżamm minn missieru. Ix-xhud qal li qabel keċċa lir-rikorrent mill-impjieg, huwa kien staqsieh jekk kienx kuntent jaħdem magħhom, u dan kien wieġeb fin-negattiv.

10. Ix-xhud **Nigel Bunce**,fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li huwa *sales assistant* fil-ħwienet tal-intimata, u qal li huwa jiġi ttrattat tajjeb ħafna fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal li huwa kien fil-ħanut ta' Guardamangia dakinhar li r-rikorrent mar hemmhekk sabiex jirritorna l-qasba li kien xtara, u qal li r-rikorrent irrifjuta l-proposta li saritlu minn Silvio Farrugia, u ħin minnhom dan kien anki imbuttah. Qal ukoll li ħin minnhom ir-rikorrent dar fuqu u qallu li kien qiegħed jeħodlu postu fil-ħanut. Ix-xhud qal li wara dak l-episodju Silvio Farrugia kien informa lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, u wara hu u Silvio Farrugia pperswadew lill-intimata biex l-għada ma tiftaħx il-ħanut ta' Ħaż-Żebbuġ għaliex beżgħu li r-rikorrent kien ser imur hemm. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li minkejja li r-rikorrent kien ħebb għalih u għal Silvio Farrugia fil-ħanut, huma m'għamlu l-ebda rapport lill-Pulizija.

11. **Carmel Catania**, missier ir-rikorrent, xehed quddiem it-Tribunal li huwa kien jaf lil Fiona u lil Silvio Farrugia għaliex kien ħadmilhom xi xogħol qabel. Qal li fiż-żmien meta ibnu kien jaħdem mal-koppja Farrugia, kien hemm drabi fejn huwa kien jitkellem magħhom. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien akkumpanja lil ibnu fil-ħanut ta' Guardamangia meta dan mar biex jirritorna qasba li kienet difettuża, u qal li ftit wara li bdew jitkellmu ma' Silvio Farrugia, dan mar wara l-bank u qal lil ibnu li kien qiegħed bin-*notice.* Ix-xhud qal li Farrugia kien qal lil ibnu li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat għaliex ir-rikorrent ma kienx qiegħed jimxi mar-regoli stabbiliti minn min iħaddmu. Ix-xhud qal li Silvio Farrugia qal li r-rikorrent ma kienx qiegħed jilbes l-uniformi tax-xogħol, u qal ukoll li r-rikorrent naqas milli jżur lit-tifel ta' Farrugia l-isptar fejn kien rikoverat.

Ix-xhud ikkonferma li ibnu jaħdem miegħu fuq bażi ta' *casual part-timer,* u huwa jieħu lil ibnu miegħu biss meta jkollu bżonn l-għajnuna fin-negozju.

12. Fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent qal li huwa kien jagħmel użu mill-*mobile* waqt il-ħin tax-xogħol sabiex jikkomunika mal-intimata. Qal ukoll li huwa kien jagħmel użu mill-*Facebook* sabiex jitkellem mal-klijenti. Ir-rikorrent qal li huwa ma kienx obbligat li juża l-*punch clock* għaliex huwa kien jiftiehem mal-intimata dwar il-ħinijiet meta għandu jinfetaħ il-ħanut jew meta kellu bżonn jieħu l-*leave.* Ir-rikorrent qal ukoll li mhux minnu li huwa naqas li jaqdi klijent għaliex kien għalaq il-ħanut, u kien il-klijent stess li qallu li seta' jmur lura l-għada biex jinqeda. Ir-rikorrent qal ukoll li mhux minnu li huwa kien aggressiv dakinhar li mar jirritorna l-qasba fil-ħanut ta' Guardamangia. Ir-rikorrent qal li wara li tkeċċa mill-impjieg, huwa beda jsibha diffiċli biex jimpjega ruħhu, u qal li sadanittant qiegħed jagħmel xi sigħat jaħdem ma' missieru, għalkemm mhux b'mod regolari.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

13. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2021, it-Tribunal iddeċieda t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Kunsiderazzjonijiet***
>
> *Ikkunsidra li t-talbiet tar-Rikorrent jirrigwardjaw terminazzjoni ta' impjieg mingħajr kawża ġusta; u f'każ li din it-talba tiġi milqugħa sabiex jiġu llikwidati d-danni.*
>
> *Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited** (App. Inf. 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:*

"Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt: i. Jekk l-impjegat huwiex ħati ta' kondotta ħażina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandhiex tagħti lok għal dik it-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens ovvjament li t-Tribunal irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi".

*Illi* "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."

*Issa għal dak li jirrigwardja* 'raġuni tajba u suffiċjenti' *li trid il-liġi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg għal raġuni ġusta, dan it-Tribunal fir-rigward jagħmel referenza għal dak ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (24 ta' Ġunju, 2000 numru 8631) "*per stabilire il concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carattere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto del lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fatti addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensità dell'elemento intenzionale dall'altro, la proporzionalità fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definittivamente espulsiva."

*Fil-kawża* ***Emanuel Mifsud vs AX Hotels Limited****, deċiża nhar it-28 ta' Frar, 2020 (fn. 18 każ numru: 3244/14; Dr Anna Mallia), ġie ritenut li f'materja ta' tkeċċija mill-impjieg iridu jitħarsu dawn il-prinċipji rakkolti mid-duttrina Ingliża u dik kontinentali fuq is-suġġett:*

*"*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew tal-imġiba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar tal-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċertat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-allużjonijiet ġeneriċi;

(2) Ir-reazzjoni mill-prinċipal trid tkun ukoll waħda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxa lill-impjegat li jkollu difiża immedjata, u daqstant ieħor effikaċi, biex jilqa' għall-akkużi fil-konfront tiegħu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min iħaddem tesiġi, b'neċessità, li tkun immutabbli, jiġifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak miġjub 'il quddiem bħala bażi ta' akkuża u tal-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' importanza, imbagħad, huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tiġi komunikata mill-prinċipal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-għażla u l-miżura tas-sanzjoni u in rapport għall-gravità tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entità tagħha, soġġettiva u oġġettiva." *(fn. 19 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri); Imħallef Sciberras; nhar l-1 ta' Marzu, 2006; Appell Ċivili numru 1/2005; fl-**ismijiet Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited**).*

*Ikkunsidra li mill-provi jirriżulta illi r-rikorrent kien impjegat ma' Fiona Farrugia fuq bażi full-time u li kien jieħu ħsieb il-ħanut ta' Żebbuġ huwa. Jirriżulta illi kien ikollhom laqgħat fejn kien ikun hemm iż-żewġ impjegati, ir-raġel tal-intimata u l-intimata preżenti fejn kienu jitniżżlu l-minuti fuq xiex tkellmu, kif ukoll fejn inġibdet l-attenzjoni tal-impjegati fuq affarijiet li ma kellhomx jerġgħu jsiru, kif ukoll xi affarijiet li għamlu l-impjegati waqt il-ħin tax-xogħol. (fn. 20 A fol. 50 et seq tal-proċess) Jirriżulta wkoll illi d-deċiżjoni li r-Rikorrent jitkeċċa mix-xogħol ittieħdet meta r-Rikorrent mar il-ħanut sabiex ibiegħ qasba lil Silvio Farrugia hekk kif kienu ftiehmu u sar argument liema argument eskala.*

*Mix-xhieda prodotta miż-żewġ partijiet hemm żewġ verżjonijiet differenti minn xulxin. Filwaqt li l-verżjonijiet jaqblu safejn qed jgħidu li r-Rikorrent mar ma' missieru l-ħanut tal-istess intimata li jieħu ħsieb ir-raġel tagħha Silvio Farrugia, u li fih kien hemm ukoll impjegat ieħor preżenti, ġewwa Guardamangia, u kien hemm klijent li qdewh it-tnejn flimkien, imbagħad hemm verżjonijiet totalment opposti ta' kif żvolġew l-affarijiet. Min-naħa tar-Rikorrenti u x-xhud imtella' minnu u ċioe missieru, jgħidu li għalkemm kien hemm battibekk ma saħanx l-argument u fl-ebda mument ma ħebb għal Silvio, iżda keċċieh għal xejn b'xejn.*

*Min-naħa l-oħra x-xhieda tal-impjegat Nigel Bunce u Silvio kienet illi l-argument tant kemm saħan li r-Rikorrent ħebb għal Silvio tant li kellu jżommu missieru milli jkompli jisħon u jispiċċaw agħar. Kien f'dak il-punt illi Silvio Farrugia qallu li l-impjieg tiegħu qed jiġi tterminat u l-Intimata kkonfermat dik id-deċiżjoni hekk kif jirriżulta mill-messaġġ esebit. (fn. 21 a fol. 80 tal-proċess)*

*Huwa ritenut illi:*

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi

l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabbiltajiet. Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabbilità ċivili" – *(Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004).*

*F'dan il-każ il-ġudikant huwa ggwidat mill-insenjament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia" mogħtija fl-24 ta' Novembru, 1966 fejn kien ingħad hekk: (fn. 22 – Rik. Nru. 101/2010 JPG):*

"Il-konflitt fil-provi huwa ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*."

*Ir-Rikorrent qal li hu qatt ma kellu problemi mal-Intimata u hija qatt ma tatu* "warning" *u qatt ma ġibditlu l-attenzjoni fuq xejn. Mill-minuti tal-istaff meeting datati 16 ta' Lulju, 2018 jirriżulta li Silvio Farrugia fakkar lir-Rikorrenti li huwa ma jistax juża l-mobile waqt il-ħin tax-xogħol, fejn ir-Rikorrent kien qallu li kien ser jitfi l-wifi biex ma jkollux tentazzjoni. Fil-minuti tal-istaff meeting datati 15 ta' Ottubru, 2018, ir-Rikorrent reġa' ġie mfakkar biex inaqqas jew possibilment jelimina l-użu tal-mobile hekk kif kien ipprometta qabel. Kien hemm anke nota li ser tkun fuq l-aġenda u li ser tittieħed azzjoni jekk mhux ser tkun riżolta sal-laqgħa ta' wara. F'punt numru erbgħa tal-istess minuti, kien hemm irrekordjat li ħadd ma jista' jilloggja barra mill-Facebook tal-ħanut u wieħed jidħol fil-Facebook personali tiegħu. Il-Facebook personali ma setax jintuża waqt il-ħin tax-xogħol u l-password tal-Facebook tal-ħanut kienet tafu biss l-Intimata, allura ma jkunux jistgħu jerġgħu jilloggjaw lura. Fix-xhieda tagħha l-Intimata spjegat li dan kien ġara fil-ħanut ta' Ħaż-Żebbuġ fejn kien jaħdem ir-Rikorrent. Fil-minuti tal-istaff meeting tal-1 ta' Novembru, 2018, l-aġenda item numru 5 kienet li l-użu tal-mobile għadha problema mar-Rikorrent, fejn kien reġa' ngħata*

*warning verbali għal darb'oħra. It-Tribunal jinnota li l-kontenut ta' dawn il-minuti fl-ebda mument ma ġew ikkontestati jew kontradetti mir-Rikorrent.*

*Min-naħa l-oħra r-Rikorrent fix-xhieda tiegħu qal ukoll illi huwa kien juża l-messenger biex ikellem lill-Intimata stess, kif ukoll klijenti li kienu jippreferu jitkellmu miegħu, iżda prova ta' dan ma ġie prodott xejn, salv għall-aħħar messaġġi li għaddew bejnu u bejn l-intimata fir-rigward tat-tkeċċija tiegħu. Meta l-Intimata ġiet mistoqsija jekk kinetx konxja li kien hemm klijenti li kienu jippreferu jitkellmu mar-Rikorrent direttament, l-Intimata wieġbet illi ħadd mill-impjegati ma seta' jikkomunika direttament mal-klijent u li kieku kienet taf b'dan il-fatt hija kienet ittih* warning.

*Ikkunsidra li l-Intimata spjegat illi hija ma żammitx il-filmati tal-inċident li seħħ fil-ħanut ta' Guardamangia u ħassritu wara ħmistax-il ġurnata għaliex peress li r-Rikorrent kien irritorna l-affarijiet kollha mitluba minnu fl-istess messaġġi esebiti, għalhekk l-għada tal-inċident hija u r-raġel tagħha Silvio Farrugia ħasbu li spiċċa kollox b'wiċċ il-ġid. (fn. 23 a fol. 92 tal-proċess) Silvio Farrugia min-naħa l-oħra, spjega li huwa ma għamilx rapport stante li għalkemm kien imbeżża' mir-Rikorrent huwa kien jafu u li għalih kien kollox konkluż. (fn. 24 a fol. 94 tal-proċess) Min-naħa l-oħra Nigel Bunce spjega li ma marx jagħmel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva għaliex ma kellux għalfejn itawwal is-sitwazzjoni u b'hekk waqaf hemm. (fn. 25 a fol. 96 tal-proċess)*

*It-Tribunal ma huwiex moralment konvint li l-inċident imsemmi mill-Intimata, minn Silvio Farrugia u minn Nigel Bunce ma seħħx. Jirriżulta li r-Rikorrent kemm-il darba kien ġie imwissi fuq nuqqasijiet oħra liema nuqqasijiet baqgħu jirrikorru minnu stess għal iktar minn darba kif jirriżulta mill-minuti u x-xhieda prodotta. In oltre, l-aħħar inċident sar fuq wieħed mill-postijiet tax-xogħol tal-Intimata fejn saħansitra f'ħinijiet minnhom kien hemm klijent u eskala tant illi l-Intimata ma kellhiex triq oħra għajr li tkeċċieh.*

*It-Tribunal jidhirlu li r-rispett bejn l-impjegati għandha tkun reċiproka u fil-każ odjern l-appellant senjatament naqas minn dan l-obbligu. Huwa bl-ebda mod ma kien ġustifikat milli jaġixxi b'din ir-rabja sempliċiment għaliex ittieħdet deċiżjoni li ma tiġix żarmata qasba biex tissewwa tiegħu.*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements tal-każ tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal għall-konklużjoni, li r-raġuni tat-tkeċċija*

*kienet waħda ġusta tenendo kont li kellu ġja* warnings *dwar diversi materji u finalment tkeċċa minħabba l-aġir aggressiv fil-konfront ta' impjegati li kien hemm f'ħanut tal-Intimata meta mar sabiex jagħti qasba.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawża billi:*

*Jiċħad it-talba tar-Rikorrenti, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjoni tal-Intimata.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*Għall-iskopijiet tal-artikolu 78 tal-kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad illi dan il-każ ma setax jiġi deċiż fiż-żmien mogħti bil-Liġi minħabba differimenti u raġunijiet amministrattivi.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.*

## L-Appell

14. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tas-6 ta' Diċembru, 2021, filwaqt li tilqa' t-talbiet tiegħu.

15. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal naqas milli japprezza l-provi li kellu quddiemu. Qal li hija regola stipulattiva li meta tingħata sentenza, il-Qorti jew Tribunal għandu jistrieħ fuq il-provi prodotti u għandu jagħti l-ġudizzju tiegħu fuq dak li ġie eċċepit. Qal li fil-każ odjern it-Tribunal ħa deċiżjoni skorretta abbażi tal-provi prodotti, u sostna li ċ-ċirkostanzi tal-każ kellhom iwasslu għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda raġuni valida għaliex huwa kellu jitkeċċa mill-impjieg minħabba raġunijiet dixxiplinarji. L-appellant

qal li mill-provi kellu jirriżulta li huwa kien kuntent fuq il-post tax-xogħol u li hu dejjem għamel xogħlu b'galbu u b'lealtà, u qatt ma kellu problemi la ma' min iħaddmu u lanqas mal-kollegi tiegħu. Żied jgħid li huwa kien maħbub mill-klijenti, u mill-provi kellu jirriżulta li huwa kien fdat, tant hu hekk li l-appellata kienet inkarigatu biex jiftaħ u jagħlaq il-ħanut, u biex ikun responsabbli wkoll mill-*cash register.* L-appellant qal li minkejja dan kollu, it-Tribunal straħ fuq il-verżjoni mogħtija mill-appellata. Qal li l-fatt li din fdatlu ħafna responsabbiltajiet u talbitu jaħdem sigħat addizzjonali, juri li huwa kien tajjeb f'xogħlu u li l-appellata kienet kuntenta bix-xogħol tiegħu.

16. L-appellant qal li l-appellata tat diversi raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, fosthom li huwa kien juża l-*mobile* waqt il-ħin tax-xogħol, ma kienx jilbes l-uniformi, kien irregolari fil-ħinijiet li fihom jiftaħ u jagħlaq il-ħanut, u kien jonqos milli juża l-*punch clock.* Qal li r-raġunijiet li ngħatawlu għat-tkeċċija kienu inkonsistenti, u meta huwa staqsa għal liema raġuni kien qiegħed jingħata n-*notice,* l-appellata u żewġha qalulu li huwa ma kienx ikun attent waqt il-laqgħat tax-xogħol, u li huwa naqas milli jżur lil binhom meta dan kien rikoverat l-isptar. L-appellant għamel riferiment għall-episodju meta huwa naqas milli jirrapporta għax-xogħol bl-uniformi, u qal li dan kien episodju iżolat li għalih huwa kien ta raġuni valida. Qal li huwa ma ngħatax biżżejjed ħwejjeġ u ilbies adattat għaż-żmien tax-xitwa, u kien hemm biss istanza waħda meta huwa mar ix-xogħol b'ġakketta tiegħu, u neħħiha ftit qabel beda l-ħidma tiegħu. L-appellant qal ukoll li l-appellata qablet miegħu li l-*polo shirts* li huwa ngħata għax-xhur tas-sajf ma kinux adegwati u komdi, u għalhekk lanqas dan ma jista jiġi kklassifikat bħala nuqqas. L-appellant qal li l-użu li huwa kien jagħmel mill-*mobile* tiegħu kien

marbut max-xogħol tiegħu fil-ħanut, u anki l-appellata kkonfermat li hi u l-appellant kienu jikkomunikaw permezz tal-*Messenger* u l-*Facebook.* Qal ukoll li huwa kien maħbub ħafna mill-klijenti, u meta dawn kienu jibagħtulu messaġġi fuq *Messenger,* huwa kien jassistihom. L-appellant qal li meta l-appellata ġiet mistoqsija dwar dan quddiem it-Tribunal, hija qalet li ħadd mill-impjegati ma seta' jikkomunika mal-klijenti tal-ħanut, u li kieku hija kienet taf b'dan, kienet tagħtih twissija. Qal iżda li l-appellata ma ġabet l-ebda prova li turi li l-impjegati tagħha kienu jafu b'din ir-regola, u għalhekk it-Tribunal kellu jieħu konsiderazzjoni ta' dan fid-deċiżjoni tiegħu.

17. L-appellant qal li mill-provi kellu jirriżulta wkoll li l-*punch clock* ma kienx obbligatorju, u l-prassi kienet li l-ġranet ta' xogħol, ħinijiet u ġranet ta' *leave* jiġu diskussi fuq il-*Messenger.* B'riferiment għall-ħinijiet li fihom kien jinfetaħ il-ħanut, l-appellant qal li nġabu provi biżżejjed li juru li kien hemm darba waħda biss li huwa għalaq il-ħanut ftit minuti qabel il-ħin, u dan għaliex huwa ma kienx isuq u kellu jaqbad tal-linja. Qal li l-appellata kienet taf li huwa kellu jirkeb żewġ karozzi tal-linja biex imur id-dar, u żied jgħid li filwaqt li huwa dejjem għalaq il-ħanut fil-ħin, kien hemm drabi fejn huwa kien jiftaħ nofs siegħa qabel. L-appellant qal li minkejja li ssemmew dawn in-nuqqasijiet, ir-raġuni vera għalfejn huwa tkeċċa mill-impjieg jidher li kienet l-inċident li seħħ meta huwa mar jirritorna l-qasba tas-sajd għaliex kienet difettuża. Qal li f'dan ir-rigward, it-Tribunal sab ruħhu ffaċċjat b'żewġ verżjonijiet differenti, u minkejja li l-verżjoni mogħtija mill-appellant tindika li kien hemm battibekk, l-argument ma saħanx sal-punt li huwa spiċċa jħebb għar-raġel tal-appellata, kif ġie allegat, u kien ir-raġel tal-appellata li keċċieh għal xejn b'xejn. Qal ukoll li l-appellata min-naħa

tagħha qalet li l-argument saħan sal-punt li huwa ħebb għar-raġel tagħha, tant hu hekk li kellu jżommu missieru, u kien f'dak il-punt li Silvio Farrugia infurmah li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. L-appellant qal li t-Tribunal żbalja fejn aċċetta l-verżjoni tal-appellata dwar dan, u qal li għajr għax-xhieda ta' Silvio Farrugia u ta' Nigel Bunce, din ma ġabet l-ebda prova oħra sabiex turi x'kien seħħ verament. L-appellant staqsa għal liema raġuni Farrugia u Bunce ma talbux għall-assistenza tal-Pulizija jekk verament dawn ħassewhom aggravati bl-imġiba tiegħu. L-appellant qal ukoll li minkejja li l-koppja Farrugia qalu li l-ħwienet tagħhom huma attrezzati b'sistema ta' CCTV *cameras,* huma ma ppreżentaw l-ebda filmati sabiex jippruvaw x'kien seħħ verament dakinhar li huwa mar jirritorna l-qasba li xtara. Qal li kienet l-appellata li allegat li l-argument kien wieħed jaħraq, u għalhekk hija kellha ġġib il-provi dwar dak li seħħ.

18. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal naqas milli jittratta l-kwistjoni dwar il-ħlasijiet pendenti dovuta lilu. Qal li huwa għad irid jitħallas ta' xahar paga, tan-*notice period,* u ta' sigħat addizzjonali li jammontaw għal madwar 120 siegħa li ġew konvertiti f'*leave* li huwa baqa' ma ħax. Qal ukoll li minkejja li l-appellata wegħditu li ser tibgħatlu l-flus bil-posta, hija m'għamlitx dan, u għalhekk huwa baqa' ma tħallasx dak li huwa dovut lilu.[1]

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

19. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma, u qalet li d-determinazzjoni tal-kawża kienet tiddependi unikament

[1] Dan l-aggravju ġie irtirat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, hekk kif jirriżulta li l-pendenzi li kien hemm bejn il-partijiet ġew risolti amikevolment.

u esklussivament mill-eżami li kellu jagħmel it-Tribunal tal-provi li kellu quddiemu. Qalet li x-xhieda kollha nstemgħu mit-Tribunal *viva voce,* u saru wkoll kontroeżamijiet estensivi, b'tali mod li l-ġudikant kellu opportunità jagħmel evalwazzjoni tal-provi sabiex jistabbilixxi min mill-partijiet kien qiegħed jgħid is-sewwa. Qalet li għalhekk l-apprezzament tal-provi li sar m'għandux jiġi ddisturbat minn din il-Qorti reviżorja, għaliex din il-Qorti mhijiex ser ikollha l-fakoltà li tanalizza l-komportament tax-xhieda abbażi ta' liema din il-vertenza trid tiġi determinata.

20. L-appellata qalet li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa l-uniku aggravju veru, fejn l-appellant allega li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi. Qalet li l-ġurisprudenza hija kostanti, fis-sens li din il-Qorti m'għandhiex tivvaluta mill-ġdid l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal. Qalet ukoll li s-sentenza appellata hija waħda dettaljata, u t-Tribunal għamel eżami dettaljat tal-provi kollha li tressqu quddiemu. L-appellata kompliet tgħid li l-impjieg tal-appellant ġie tterminat fil-parametri li trid il-liġi, u għalhekk l-aggravju tiegħu ma jistax jiġi milqugħ. Qalet li l-appellant ingħata diversi *warnings,* u wara l-inċident vjolenti li seħħ fil-ħanut ta' Guardamangia, hija ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat. L-appellata qalet li l-inċident li seħħ fil-ħanut ta' Guardamangia waħdu kien biżżejjed biex hija tiddeċiedi li l-impjieg tal-appellant kellu jiġi tterminat, u kemm Silvio Farrugia, kif ukoll Nigel Bunce bħala xhud indipendenti, ikkonfermaw li l-appellant kien vjolenti. Qalet li t-Tribunal ikkonstata li ma kien hemm l-ebda raġuni valida sabiex l-appellant imur fil-ħanut tal-*employer* tiegħu barra mill-ħin tax-xogħol tiegħu, sabiex jieħu sodisfazzjon dwar sempliċi qasba.

L-appellata qalet li t-Tribunal ta' spiss jirrileva li m'hemmx lok għal vjolenza fuq il-post tax-xogħol, u ssostni li fil-każ odjern it-Tribunal ma kellux għalfejn jiddipartixxi minn dan il-prinċipju. Qalet ukoll li l-appellant ma qalx is-sewwa meta qal li huwa ma setax isib impjieg ieħor wara li ġie tterminat l-impjieg li kellu magħha.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, il-Qorti tirrileva li dan l-aggravju ġie irtirat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha. L-appellant sostna li huwa kien ingħata raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, li huma differenti minn dawk li semmew l-appellata u żewġha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u sostna li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni xierqa tal-provi kollha miġjuba quddiemu qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu.

23. Il-Qorti tikkonstata li hija ħadet konjizzjoni tal-provi kollha li nġabu quddiem it-Tribunal, partikolarment in vista tal-fatt li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal allegatament naqas milli jagħmel apprezzament komplut tal-provi li kellu quddiemu. Minkejja li din hija qorti ta' reviżjoni, u bħala tali mhijiex mistennija li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar

mit-Tribunal, jekk mhux għal raġunijiet gravi, il-Qorti xorta waħda ħadet konjizzjoni tal-atti kollha, u dan għaliex f'każijiet bħal dawn huwa importanti li l-ġustizzja mhux biss issir, iżda tidher li qed issir. L-appellant jinsisti li huwa kien kuntent fuq il-post tax-xogħol, li kien jagħmel xogħlu bil-galbu, u li kien maħbub minn min kien iħaddmu u mill-klijenti li kienu jiffrekwentaw il-ħanut. Jgħid li r-raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu li ssemmew mill-appellata u mir-raġel tagħha waqt ix-xhieda tagħhom quddiem it-Tribunal, m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-raġunijiet li ngħataw lilu għal din it-tkeċċija. Semma l-erba' raġunijiet ewlenin li minħabba fihom l-appellati jsostnu li huwa tkeċċa mill-impjieg, jiġifieri l-użu tal-*mobile* personali tiegħu waqt il-ħin tax-xogħol, il-fatt li huwa kien jonqos milli jagħmel użu mill-*punch clock,* id-drabi meta huwa rraporta għax-xogħol mingħajr uniformi, u li l-appellant ma kienx jiftaħ u jagħlaq il-ħanut fil-ħinijiet stipulati.

24. L-appellant jgħid li huwa kien jagħmel użu mill-*mobile* personali tiegħu għal raġunijiet relatati max-xogħol tiegħu, fosthom sabiex jikkomunika mal-appellata u jitkellem ma' klijenti tal-ħanut. Il-Qorti qieset li minkejja li jista' jkun li f'parti mill-ġurnata tax-xogħol tiegħu l-appellant kien ikollu għalfejn jikkomunika mal-appellata, mill-provi prodotti jirriżulta li waqt il-laqgħat li kienu jsiru kull xahar mal-impjegati tal-ħanut, l-appellata u r-raġel tagħha mhux l-ewwel darba li ġibdu l-attenzjoni tal-appellant dwar l-użu tal-*mobile,* tant hu hekk li kien hemm drabi meta dan qal li kien ser jibda jitfi l-*Wifi* sabiex ikollu inqas tentazzjonijiet. Dan jindika għalhekk li l-appellant kien konxju tal-problema li kellu, u tal-fatt li kellu bżonn jibda jikkontrolla l-użu tal-*mobile* personali waqt il-ħin tax-xogħol. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti qieset li l-

appellata u r-raġel tagħha kellhom raġun jallegaw li l-appellant qajla kien ikun attent għal dak li jintqal lilu waqt il-laqgħat li kienu jsiru mal-impjegati, għaliex jirriżulta li dan kompla jinjora t-twissijiet li kienu qegħdin jingħatawlu.

25. L-appellant jgħid ukoll li mhux minnu li huwa kien imur għax-xogħol bil-ħwejjeġ personali tiegħu, u kien hemm biss okkażjoni waħda fejn huwa libes ġakketta fuq l-uniformi minħabba li din ma kinitx biżżejjed fil-kesħa tax-xitwa. L-appellata xehdet li l-appellant ingħata basket ħwejjeġ biex ikollu x'ibiddel, u huwa kien jirrifjuta li jilbes l-uniformi għaliex huwa kien ikun irid joħroġ wara x-xogħol. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li l-kwistjoni tal-uniformi kienet daqstant determinanti għad-deċiżjoni li ħadet l-appellata biex l-appellant jitkeċċa mill-impjieg.

26. Il-Qorti tqis bħala inverosimili l-asserzjoni tal-appellant li l-użu tal-*punch clock* ma kienx obbligatorju f'dan il-post tax-xogħol partikolari, u dan għaliex l-appellata nnifisiha xehdet li r-*records* tal-*punch clock* kienu jintużaw minnha sabiex jinħadmu l-pagi tal-impjegati, u biex jiġi determinat jekk kienx hemm min ħadem is-sahra jew jekk kienx hemm min huwa intitolat għal ġranet ta' *leave* addizzjonali. L-appellant jipprova jagħti l-impressjoni li huwa kien jirregola s-sigħat tiegħu fuq il-post tax-xogħol billi jikkomunika mal-appellata fuq il-*Facebook* jew bil-*Messenger.* Il-Qorti tqis li filwaqt li jista' jkun li f'ċirkostanzi eċċezzjonali wieħed jikkomunika mal-*employer* bil-mezzi soċjali sabiex jinformah li ma jistax jirrapporta għax-xogħol, ladarba f'dan il-post tax-xogħol kien hemm *punch clock* installat, dan kien qiegħed hemm biex il-ħaddiema jagħmlu użu minnu. Lanqas m'huwa ġustifikat li l-appellant jargumenta li huwa

kien jaqbad żewġ karozzi tal-linja biex jasal id-dar, u li għalhekk dan kien jiġġustifika li huwa għalaq il-ħanut qabel il-ħin. Dan l-argument jindika li l-appellant kien juri sens ta' intitolament u kien jaħseb li l-*employer* kellu jakkomodah għall-ħin li kien meħtieġ biex jasal id-dar wara x-xogħol.

27. Il-Qorti tqis li huwa minnu dak li qal l-appellant li huwa x'aktarx tkeċċa mill-impjieg minħabba dak li ġara meta huwa mar il-ħanut ta' Guardamangia biex jirritorna qasba tas-sajd. Il-Qorti tqis li l-imġiba tal-appellant fix-xhur li huwa dam fl-impjieg tal-appellata u tar-raġel tagħha, huma indikattivi ta' persuna li għandha sens ta' intitolament, u minkejja li mhux eskluż li fil-bidu l-appellant kien ħaddiem promettenti ħafna fuq il-post tax-xogħol, maż-żmien l-imġiba tiegħu bdiet tiddeterjora u beda jillaxka kemm fil-komprtament tiegħu, kif ukoll fir-rispett li suppost juri lejn min iħaddmu. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita li l-appellant mar fil-ħanut ta' Guardamangia biex jikkonfronta lil Silvio Farrugia, u kien għalhekk li huwa ħa lil missieru miegħu. Dan l-aġir ċertament li mhux aċċettabbli speċjalment fir-relazzjoni bejn impjegat u min iħaddmu. Lanqas ma jista' jitwemmen l-appellant li hu ma weriex ċerta aggressività fil-konfront ta' Farrugia u ta' Bunce, u l-fatt li l-appellata ma pproduċiet l-ebda filmat bħala prova ta' dak li verament seħħ dakinhar, m'għandux jimmilita kontra l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-raġel tagħha u mill-impjegat l-ieħor, li t-tnejn ikkonfermaw li l-appellant kien kważi ħebb għalihom. Għal Silvio Farrugia tant kienet ħażina l-imġiba tal-appellant, u tant ħassu mhedded wara l-inċident tal-ħanut ta' Guardamangia, li huwa talab lill-appellata biex l-għada ma tiftaħx il-ħanut ta' Ħaż-Żebbuġ, għaliex kien qiegħed jibża' mill-imġiba tal-appellant. Kien biss il-komportament tal-appellant u s-sens

ta' intitolament li dan wera ma' min iħaddmu, li wassal biex dan tkeċċa mill-impjieg. Għaldaqstant il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, u sejra tikkonfermaha fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**